**Laqgħa Pubblika 15ta’Dicembru 2020.**

## Introduzzjoni

Matul is-sena 2020 l-Kunsill Lokali tal-Imsida beda jwettaq il-programm propost fit-30 ta'Settembru 2019. Minkejja l-kriżi pandemika li laqtet il-pajjiż u l’ imponiet numru ta'restrizzjonijiet, il-Kunsill Lokali l-Imsida xorta ra kif fejn huwa possibbli jwettaq l-ħidma tiegħu fejn jidħlu servizzi, operat u talbiet jew rapporti minn residenti kif muri aktar l’ quddiem.

Iżda minħabba l-istess raġunijiet msemmija ma setax ikun hemm kontroll fuq kollox għalhekk x'uħud mill-pjanijiet imfassla fil-programm ta'ħidma għal matul is-sena 2020 ,ma setgħux ikunu mwettqa jew kienu limitati minħabba din is-sitwazzjoni kif se jkunu spjegati aktar b’ dettal l’quddiem.

Fost it-tħassib mir-residenti hemm dawk li jikkonċernaw is-sitwazzjoni tat- toroq lokali li ma jifilħux għal numru ta' traffiku, inġenji tqal u tqegħid ta'servizzi ġodda biex jagħmlu tajjeb għal-bżonnijiet tal-bini li għamlu ħerba matul is-snin.

Bħal snin preċedenti l-lokalita’ għada qed tara volum ta' permessi għal żvilupp ta’ bini li minkejja l-kriżi pandemika baqa’ xorta għaddej b'ritmu kważi normali kif spjegat fit-tabelli għall permessi maħruġa mill kunsill għall perjodu bejn l-1 ta’Jannar u 30 ta’Novembru 2020 u l-statistika tal-popolazzjoni lokali mill-1993 hawn taħt murija. Meta tieħu l-istess mod ta'kejl wieħed irid jikkunsidra li kif il-lokalita’ qed tara aktar bejgħ jew kiri ta’ propjetà’ dan ifisser wkoll li qed ikun hemm domanda akbar għal servizzi.






Fost dawn hemm il-ġbir ta'skart fejn għadu qed jkun hemm nuqqas ta' kooperazzjoni minn fost xi residenti li ma josservawx il-ħinijiet li suppost joħroġ l-iskart b'konsegwenza li l-boroż u materjal ieħor mormi, qed jibqgħu barra fit-toroq għal ħinijiet twal, li ma jagħmel xejn tajjeb kemm għal indafa kif ukoll għad-dehra tal-lokal tagħna.

Abbużi oħra huma karatterizzati minn nuqqas ta' dixxiplina minn xi kuntratturi jew l-impjegati tagħhom meta jonqsu li jirrispettaw ir-regolamenti tal-bini jew oħrajn bħal dawk kawżati minn gruppi ta' individwi li qed jinġabru barra jixorbu u jikkawżaw inkonvenjenza go numru ta' toroq fil-lokalita'.

Matul is-sena kurrenti l-Kunsill Lokali kompla bi sforzi ma jieqfu xejn biex ikunu ndirizzati dawn l-abbużi. Għalhekk kellna bosta laqgħat mal-pulizija u LESA biex ikun hemm aktar koordinazzjoni fuq kif isiru rapporti għall-azzjoni ma' kuntratturi jew residenti li jikkawżaw inkonvenjenzi jew jonqsu milli josservaw l-ambjent tal-lokalita'.

**Laqgħa Pubblika 15ta'Diċembru 2020.**




| | General | Enforcement | Cleaning | Waste | Entities | Lighting 2 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Reported | 9 | 141 | 13 | 13 | 122 | 15 |
| Pending | 66 | 0 | 0 | 0 | 0 | 1 |
| Refused | 10 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Done | 688 | 0 | 0 | 0 | 33 | 133 |
| Request | 775 | 141 | 13 | 13 | 155 | 149 |

Request Done Refused Pending Reported

Kif spjegat qabel kien hemm numru ta' inizjattivi għall-attivitajiet soċjali, kulturali u edukattivi ma' diversi għaqdiet mhux governattivi jew entitajiet statutorji. Għalkemm x' wħud ġew mwettqa jew kienu ġa bdew, pjanijiet oħra kellhom ikunu posposti sakemm ikun prudenti biex il-Kunsill Lokali jkompli jwettaq il- proposti mfassla għall matul din il-leġislatura.

Fost dawn hemm parteċipazzjoni, aktar miftuħa fejn tidħol l-Inklużjoni, servizzi ta'tagħlim, aktar aċċess għall nies bi bżonnijiet speċjali, sport u kultura. Ma dawn kien hemm proposti oħrajn bħal miżuri leġislattivi.

Matul is-sena kurrenti ġiet mwettqa l-ewwel miżura biex trażżan abbuż li qed jwassal għal skomdita jew biża fost ir-residenti. Għalhekk f' Novembru 2020 ġiet pubblikata l-*Byelaw* li tipprojbixxi kull konsum ta' xorb alkoħoliku fit-toroq tal-Imsida jekk ma'jkunx regolat skond il-leġislatura għall- istabbilimenti jew attivitajiet fil-lokal li jistgħu jkunu permessi mill-Pulizija jew il-Kunsill Lokali.

**Tfassil għall-pjan ta’ Ħidma**

Fit-30 ta'Settembru 2019 il-Kunsilliera eletti fasslu numru ta' proposti li huma konformi mal-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali, biex ikunu kunsidrati għall-programm ta' xogħol ta' din il-leġislatura.

Dan seta’ sar permezz ta' diskussjoni u ħidma preliminari bejn il-Kunsilliera fejn bosta mir-responsabiltajiet huma relatati. Dan wasal għal numru ta' proposti li ġew preżentati u nklużi fil-pjan ta' ħidma għal din il-leġislatura.

**Skop għal- Laqgħa Pubblika**

Din il-laqgħa pubblika qed tissejjah biex filwaqt li tagħti tagħrif (Tabella 1) dwar dawk il-proposti li ġew imwettqa jew f’proċess biex jitwettqu (Kolonna 2) ,tkompli ġġedded jew tipproponi proposti ġodda (Kolonna 3 ) hekk kif hawn taħt deskritt. Dawn huma l-bażi għal- konsultazzjoni aktar miftuħa mar-residenti li jistgħu jipparteċipaw u jippreżentaw anke l-proposti tagħhom għal-kunsiderazzjoni u tkomplija ta' tfassil ta' pjan ta’ ħidma li jkun fil-qafas tal-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali u jilħaq il-bżonnijiet tar-residenti.

# Tabella 1

| *Proposti preżentati waqt laqgħa pubblika (30 ta'Settembru 2019)* | *X'sar matul is-sena kurrenti (2020)* | *Proposti ġodda jew mġedda għas-sena 2021 (15ta'Dicembru 2020)* |
|---|---|---|
| 1. Aktar faċilitajiet biex jitqassmu WasteServ bins | Baqgħu jitqassmu sakemm il-WasteServ bdew jibbukkja biex jinġabru mit-trakk | Konkluża 2020 |
| 2. Tabelli li jinkludu tagħrif fuq l-iskeda u messaġġ dwar l-iskart go kull triq. | Sa l-aħħar tas-sena se jkun ġa weħlu aktar minn 125 tabella minn ordni ta'200 li jammontaw għal €6691.8 | Jitkompla l-Proċess |
| 3. kampanja edukattiva dwar l-iskart u fuljetti ġodda | | |
| 4. tiżdied l-iskeda tal-knis b’ aktar ġranet | Pospost sakemm ssir sejħa għall-kuntratt ġdid. | Pospost sakemm issir sejħa għall-kuntratt ġdid. |

| | | |
|---|---|---|
| 5. Jiġi kunsidrat u jibda ssir ħasil fit-toroq kull numru ta' ġimgħat jew xhur. | | |
| 6. Laqgħat mas-sidien ta'stabbilimenti go diversi zoni kummerċjali bi skop ta' organizzazzjoni tal-ambjent madwarhom | Pospost minħabba Covid 19 | |
| 7. Skema ta' investiment fis- sena mill- komunità kummerċjali għall-aktar bins biex inaqqsu l-iskart mormi mill-attività tagħhom | Pospost minħabba Covid 19 | |
| 8. Fejn hemm bżonn jinbidlu u jiżdiedu l-bins | Sa Novembru 2020 ġew mibdula jew weħlu 25 bin. | Jitkompla l-proċess |
| 9. Fejn hemm bżonn jinbidlu u jiżdiedu d-dog bins | Sa Novembru ġew ordnati 30 dog bin ġdid biex jeħlu go postijiet ġodda jew jinbidlu dawk li ma kienux fi stat tajjeb | Jitkompla l-proċess |
| 10. Bins fil- ġonna li jistgħu jiġu wżati anke għar-reklamar inkluż dawk diġitali u jaħdmu bid-dawl | Intalbu xi stimi approssimattivi biex il-kunsill jkun jista' jfassal pjan skond l-ispiża. | Jitkompla l-proċess |
| 11. Jiġu ntrodott trasport għall-komunità bejn is-Swatar u l-Imsida | | |
| 12. Jiġi introdott servizz ieħor ta' Trasport fil-lokalita' għall-anzjani | Qed ssir parteċipazzjoni bejn il-kunsill u Silver Team fejn qed jiġi offrut dan is-servizz. | Jitkompla l-proċess |
| 13. Jinstab maħżen / work shop għal- xogħol tal-kunsill. | | |
| 14. Tikber il-binja tal-kunsill għall-bżonnijiet t'illum bil-ħsieb ta'servizzi ġodda li jistgħu jiġu introdotti | Il-pjanti huma ġa approvati mill PA u qed jinġabru stimi indikattiv biex il-kunsill jalloka l-fondi għall-proġett. | Jitkompla l-proċess |
| 15. intejbu u nżidu sistemi għas-sigurtà ta' nies li jagħmlu użu mill- binja tal- kunsill. | Ġiet installata sistema ta' Fire Alarm għall-€3856 | Konkluża 2020 |
| 16. Assessment ta' toroq u programm ta' manutenzjoni tal-bankini, bollards, tabelli u oħrajn | Diġà sar xi xogħol fejn il-Junior College u toroq tal-madwar. | Jitkompla l-proċess |
| 17. Fejn hemm bżonn jiżdiedu miżuri għall-aktar sigurtà fit-toroq | Saru 3 road humps għall €1866.93 u ordnati 59 flexi bollards €1080.72 li huma regolati u jeħtiegu approvazzjoni minn TM . | Jitkompla l-proċess |
| 18. Rampi tal- bankini u fejn possibbli l-bankini ikunu aċċessibbli. | Ġie evalwat il-Kuntratt biex jibda xogħol matul 2021 minn kuntrattur | Jitkompla l-proċess |
| 19. Programm biex ssiru l-marki tat- toroq darbtejn fis-sena, issir sejħa għall-tender biex dan ikun jista' ssir | Sal-ġurnata qed ssir mill-ħaddiema tal-kunsill fejn l-ispejjeż approssimattivi għaż- żebgħa tammonta għall €3410 | Jitkompla l-proċess |

| | | |
|---|---|---|
| 20. Programm ta' manutenzjoni għal- funtani, monument u siti oħra li jistgħu ssiru minn skemi | Beda ix-xogħol fil-monument tal-ħaddiema u se jibda xogħol ieħor go Triq D'Argens | Jitkompla l-proċess |
| 21. Ftehim għal-numru ta'snin sabiex nirranġaw il-funtani kollha u ssir manutenzjoni regolari fuqhom. | Dipartiment ta'xogħolijiet pubbliċi qed jieħu ħsieb jipprepara draft għall-MOU biex jkun ffirmat. | Jitkompla l-proċess |
| 22. Introduzzjoni ta' funtani ta' taħt l-art fejn jistgħu ssiru. | Pospost sakemm ikun implimentati xogħolijiet relatati mal-proġett għall-ġnien Misraħ 5 ta'Ottubru fil-proġett tal-Fly over. | Pospost sakemm jkun implementati xogħolijiet relatati mal-proġett tal-Fly over. |
| 23. Xogħol ta' tisbiħ li l-kunsill jista' jikseb permezz ta'xogħol minn ħaddiema ta'entitajiet oħra | Sar xogħol go Misraħ 5 ta'Ottubru fejn wkoll issewwiet il-gazebo | Jitkompla l-proċess |
| 24. Naraw ukoll li jitwettaq il - proġett tal-fly over u l-latrina pubblika tiġi mmodernizzata. | Dawn huma fl-stadju ta'proċess mill-PA, fejn l-IM ġa ħarġet sejħa ta'tenders | Jitkompla l-proċess |
| 25. Aktar konsultazzjoni u naraw li ssir ix- xogħol tal-promenade go Xatt ta'Xbiex. | Dawn huma fl-stadju ta'proċess mill-PA, u l-GHRC qed tfassal is-sejħa ta'tenders | Jitkompla l-proċess |
| 26. Embelisment ta' Ġnien Victor Denaro | Pospost sakemm jkun avvanzat il-proġett tal-bini mill-ġdid tal-iskola. | Pospost sakemm jkun avvanzat il-proġett tal-iskola. |
| 27. Embelisment fi Triq Dun Kalcidon Schembri | Ġie ffirmat ftehim biex għaqda li tieħu ħsieb proġetti b'materjal riċiklat u dan se jitwettaq fil-bidu tas-sena 2021 | Jitkompla l-proċess |
| 28. Issir xogħol go Sqaq Clarence | | |
| 29. Aktar aċċess fil-bandli u il-ġonna għal- nies bi bżonnijiet speċjali | Għaddejjin diskussjonijiet fuq il-bandli tal-Imsida u Swatar qabel ma jsiru is-sejħiet għall-tenders finali. | Jitkompla l-proċess |
| 30. Tisbiħ ta' zona madwar fejn ġejja il-fly over b'aktar faċilitajiet. | Għaddejjin diskussjonijiet fuq il-pjanti finali. | Jitkompla l-proċess |
| 31. Proġett li jmur mal-afforestazzjoni tas-Swatar | Bdew diskussjonijiet ma' l-MCESD u ġew preżentati il-pjanti fejn intalbu stimi approssimattivi għall -proġett | Jitkompla l-proċess |
| 32. Jiżdied id-dawl fil-pjazza u ħdejn il-Junior College | Saret applikazzjoni u weħlu żewġt lanterni ġodda bejn Triq J. Borg u Oscar Zammit | Konkluża 2020 |
| 33. Ħidma biex jinġabu aktar fondi biex jinbidel id-dawl fejn hemm bżonn | Ġew allokati fondi u saru fanali ġodda go Misraħ G Debono inkluż is-sistema ġdida għas-servizz ta'dawl li għalihom intużaw €13679.07 li huma parti minn skema ta' fondi min-Regjun Ċentru għall €34000 | Konkluża 2020 |
| 34. Bike stands mal-lokalita'. | Ġew identifikati xi postijiet fejn dawn jistgħu ssiru. | Jitkompla l-proċess |
| 35. Ingaġġ ta' Contracts Manager. | Dan beda F'Diċembru 2019 | Konkluża 2020 |

| | | |
|---|---|---|
| 36. Naraw mal- WSC sabiex jitlesta ix xogħol ta' drenaġġ fi Triq il-Wied u Xatt ta' Xbiex. | Dan il-proġett beda. | Jitkompla l-proċess |
| 37. Jiġi ntrodott taħt skema governattiva programm ta'neutering u microchip għal-qtates. | Minn fondi allokat ta' €8000 għall -annimal welfare ntużaw parti għall 170 voucher biex ssir neutering u chip. | Konkluża 2020 |
| 38. Jiġu ddentifikati numru ta'zoni fejn jistgħu ssiru dog parks | Minn fondi allokat ta' €8000 għall annimal welfare ntużaw parti għall-dog park go Misraħ San Guzepp | Jitkompla l-proċess |
| 39. Jiġu ddentifikati numru ta'zoni fejn jistgħu ssiru cat cafe | Minn fondi allokat ta €8000 għall-annimal welfare ntużaw parti għall kennels go Victor Denaro u Tas-Sisla | Jitkompla l-proċess |
| 40. Jerġa jitwaqqaf il-Kunsill taz-Zghazagh | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 41. Jitwaqqaf Kunsill tat- Tfal | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 42. Proġetti amalgamati ma' Systems of Knowledge. | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 43. Servizz ta' leżjonijiet lit-tfal | | Jitkompla l-proċess |
| 44. Żjarat kulturali għar-residenti | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 45. Parteċipazzjoni kulturali | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 46. Aktar parteċipazzjoni għall-inizjattivi ta' Long life learnining | Kienet iffurmata klassi, bdew lezzjonijiet tal-Malti iżda waqfu minħabba nuqqas ta'attendenza. | |
| 47. Introduzzjoni ta' apparat viżiv għall-użu tal-librerija. | Implimentata | Konkluża 2020 |
| 48. Faċilitajiet għal self jew użu ta kotba mal-lokalita' (Out door Library). | | |
| 49. Sehem f' skemi li jistgħu jiġu introdotti minn żmien għal- ieħor. | Saru bosta applikazzjonijiet għall fondi min Skemi differenti hawn taħt deskritti. | |
| 49.b jinbidel il-ħġieġ ta' numru ta'fanali klassiċi go Triq il-Kunċizzjoni | Saret Applikazzjoni għall fondi min Regjun Ċentru għall skema ta' €3000. | Jitkompla l-proċess |
| 49.c jinbidlu l-fanali go Misraħ San Guzepp. | Se jintużaw parti min Fondi ta' Regjun Ċentru għall skema ta' €34000 allokati ( 21000) u ħarġet sejħa għall-tender. | Jitkompla l-proċess |
| 49.d Skema minn fondi biex jiġu provduti u mqassma pro rata vouchers għall-dry food u kura għall-qtates lil feeders reġistrati biex jieħdu ħsieb il-cat cafes go L-Imsida. | Saret applikazzjoni li ġiet approvata u ffirmat il-kuntratt mal-annimal welfare għall fondi ta' €8000 jew 80% ta'ispiża totali. | Jitkompla l-proċess |

| | | |
|---|---|---|
| 49.e. Minn skema għall - attivitajiet soċji kulturali jinxtraw sett ta'vari matul perjodu ta'żmien biex tkun inkluża f'kalendarju tal-lokalita' il-purċissjoni tat- tfal. | Saret applikazzjoni għall-fondi tar-Regjun Ċentru minn skema ta'€10000 biex jiġu ordnati l-figuri li ġa huma approvati u saret applikazzjoni oħra għall-bradelli u bankuni li għada pendenti. | Jitkompla l-proċess |
| 49.f Minn skema għall-għajnuna, jinxtraw mini packs bi prodotti għall-prekawzjoni Covid 19 lit-tfal tal-Iskola Primarja Msida. | Saret applikazzjoni għall-fondi tar-Regjun Ċentru għal skema ta' €5000 li hi approvata biex jkunu ordnati. | Jitkompla l-proċess |
| 49.g Minn skema għall - għajnuna jinxtraw packs ta'maskli għall-prekawzjoni Covid 19. | Saret applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar-Regjun Ċentru għall €5000 li hi approvata biex ikunu ordnati. | Jitkompla l-proċess |
| 49.h Minn skema għall-xiri ta' siġar u pjanti jsir aktar tħawwil go spazju u zoni oħra pubbliċi | Saret applikazzjoni għal skema maħruġa mill-Ministeru għat-Turiżmu. | Jitkompla l-proċess |
| 49.i Disinn ġdid għal tiżjin tal-Milied go Triq D'Argens | Saret applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar-Regjun Ċentru għall €3000 li ġiet approvata u implimentata. | Konkluża 2020 |
| 49.j skond kriterji u kondizzjonijiet biex jinxtraw bżonnijiet , jitqassmu fondi pro rata min skema 2019 għall għajnuna lil għaqdiet lokali li japplikaw | Saret applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar-Regjun Ċentru għall €2000 fejn ibbenefikaw pro rata i-Banda Melita San Guzepp flimkien mal-football Nursery u Football Club. | Konkluża 2020 |
| 49.k skond kriterji u kondizzjonijiet biex jinxtraw bżonnijiet, jitqassmu fondi pro rata minn skema 2020 għall għajnuna lil għaqdiet lokali li japplikaw | Ħareġ l-avviż lil għaqdiet biex japplikaw mal-Kunsill Lokali biex jikkunsidra l-ellegibilita għall-użu ta' fondi allokati minn skema tar-Regjun Ċentru għall €2000 . | Jitkompla l-proċess |
| 49.l Użu aħjar minn spazju pubbliku | Saret applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar-'Regjun Ċentru għall €3000 biex isir studju b'rapport ta'rakkomandazzjonijiet minn periti esperti fil-qasam tat-trasport. Dan intuża bħala bażi għall-proposta biex il-kunsill Lokali jibbenefika minn skema governattiva għall €29000 biex jintużaw għal dan l-iskop. | Jitkompla l-proċess |
| 49.m jkun hemm pubblikat go mezzi tal-medja soċjali postijiet ta'interess li hemm fl-Imsida. | Saret Applikazzjoni biex jintużaw fondi allokati minn skema tar-Regjun Ċentru għall €1000 biex ssir immaġni 3D ta'ġewwa il-knisja parrokkjali . | Konkluża 2020 |

| | | |
|---|---|---|
| 50. Aktar reklamar /Promozzjoni għall- inizjattivi ta' tagħlim għan- nies adulti jew b'bżonnijiet speċjali inkluż tfal. | Imnedija ECDL online u qed ssiru numru ta'sessjonijiet mill-Happy Parenting ġewwa il-kunsill. | Jitkompla |
| 51. Aktar koordinazzjoni mac- Ċentru Leap u FSWS. | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 52. Issir ħidma mill-kunsill biex entitajiet jew għaqdiet konċernati jikkunsidraw il-possibilità li jiftħu night shelter go l-Imsida. | | |
| 53. Issir ħidma mill-kunsill biex entitajiet jew għaqdiet konċernati jikkunsidraw il-possibilità li jiftħu u jamministraw Fond Bank go l-Imsida. | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 54. Kids Corner fil- kunsill. | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 55. kotba tat-tpinġija għat-tfal b'tema ambjentali jew Misidjani | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 56. jiġu mġedda jew mibdula il-Bye Laws eżistenti biex jirriflettu il-bżonn t' illum u introdotti oħrajn fosthom fuq użu ta' alkoħol fit-toroq tal-lokalita'. | Il-Bye Law għall-projbizzjoni ta'xorb alkoħoliku fit-toroq tal-Imsida ġiet pubblikata. Beda xogħol fuq reviżjoni tal-Bye Law għall-Iskall | Jitkompla l-proċess għall Bye Law tal-Iskall |
| 57. Fil-qafas ta'( SL.65.13 ),jiġi studjat fuq livell Reġjonali jew lokali l-possibilità biex jiġi ntrodott servizz ta'towing għal-vetturi li jinsabu fit-toroq b'mod illegali | Beda xogħol ta'konsultazzjoni preliminari. | Jitkompla l-proċess |
| 58. Laqgħa annwali ta' konsultazzjoni mal-għaqdiet bil-għan li ssir kalendarju annwali tal-attivitajiet tagħhom flimkien ma' dawk tal-kunsill | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 59. Ċelano pum dab u għoti ta-demm fil- kalendarju tal-komunità lokali | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 60. Kompetizzjoni għall-isbaħ Rolf Garden u Frott Garden | Saru diskussjonijiet relatati ma xi NGO's (posposta) | Jitkompla l-proċess |
| 61. Ġonna għall- komunità bi skop li jieħdu ħsiebhom ir-residenti. | Saru diskussjonijiet relatati ma xi NGO's (posposta) | Jitkompla l-proċess |
| 62. Ġurnata bla karozzi u ssir attività sportiva. | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 63. Attivitajiet kull xahar għall- anzjani | Posposti minħabba Covid 19 | |
| 64. Parteċipazzjoni mal-Għaqda tan-Nanniet | Ġie preparat MOU li għadu mhux ffirmat u pospost minħabba Covid 19 | Jitkompla l-proċess |

| | | |
|---|---|---|
| 65. Attività ta'ċelebrazzjoni għall- anzjani li jkunu twieldu matul ix-xahar u kartolina. | Saret attività waħda u l-oħrajn posposti minħabba Covid 19 | |
| 66. Attività speċjali go-dar tal-Anzjani | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 67. ikla tal- Milied għall- anzjani weħidhom | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 68. Kunċert mużikali għal żmien il-Ġimgħa l-Kbira | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 69. Attività għal żmien il-Milied | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 70. Esibizzjonijiet ta' talenti u delizzji | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 71. Laqgħat mal-komunitajiet u attivitajiet | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 72. Attività kalendarju għad-tberik tal-annimali u dimostrazzjoni bil-klieb tal-pulizija | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 73. Attivitajiet Sajf fil-Pjazza | Mħassra minħabba Covid 19 | |
| 74. Attività għall- Karnival go l-Imsida | Mħassra minħabba Covid 19 | |
| 75. Esebizzjoni fil- pjazza għal- żmien il- Ġimgħa il-kbira | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 76. Attivitajiet sportivi u fiżiċi fil-pjazza | Saret numru ta'sessjonijiet ta Yoga (Attivitajiet sportivi oħra ġew posposti minħabba Covid 19) | |
| 77. Aktar użu kreattivi fil-pjazza. | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 78. Skema ta'investiment ta'100 euro fis-sena mill-komunità kummerċjali għall-aktar tiżjin tal-Milied fit-toroq. | Posposta minħabba Covid 19 | |
| 79. Biex jissewwa d-dawl tal-milied eżistenti li għandu il-kunsill u jiżdied. | Implimentata | Konkluża 2020 |
| 80. Programm ta'proġetti biex isir tiżjin għal- milied minn materjal riċiklat. | Bdiet Diċembru 2019 u fl'2020 ġiet Posposta minħabba Covid 19 | jitkompla il-proċess |
| 81. Tfassil u tqassim tal-Kalendarju tas-sena. | Implimentata min sena għall oħra. | |
| 82. Tkun varata Website ġdida tal-kunsill b'faċilita għal servizzi online u żviluppata biex tipprovdi aċċessi għal dawk is-servizzi oħra offruti minn entitajiet governattivi. | Proposta 15 ta'Diċembru 2020 | |

Kif spjegat aktar qabel l-iskop ta' dan ir-rapport huwa biex issir konsultazzjoni fuq dak li jista' jagħmel il-Kunsill Lokali l-Imsida matul is-sena 2021 filwaqt li r-rapport amministrattiv għas-sena 2020 jkun preżentat b'aktar dettal f'April ta'sena 2021. Tajjeb li jkun hemm murija parti mill-ħidma li qed issir matul is-sena kurrenti.

## Ftit minn dak li seħħ matul is-sena 2020.



DELIVERY SERVICES BEING OFFERED IN MSIDA DURING COVID-19

| | | |
|---|---|---|
| Travel Experience Ltd | 9999 1999 | Food Deliveries/Medicinal delivery/taxi service or any other needs |
| Sarah Butcher | 99678048 | Butcher & daily needs |
| Curly Wurly Confectionery | 79207109/27207109 | Daily needs |
| William & Marius Fish Hawkers | 99840442 | Fish delivery |
| Nova Services | 7711 52201 | Food Deliveries/Medicinal delivery |
| Bangla Convenience | 77040032/77703956 | Groceries |
| GoldenEverest Mini Market | 99622203 | Groceries |
| Best Choice Daily Needs | 79919910 / 27032090 | Groceries |
| Splendid Store | 21332384 | Groceries |
| Melaverde | 27675011 | Groceries |
| MumAfrica Mini Market | 99043503 | Groceries delivery only Msida |
| ARKADIA FOODEXPRESS | 9910 2303 / 2210 3204 | Groceries, Chilled & Frozen Products, Fruit & Vegetables and Fresh Meat & |
| Jake and Emma Fresca Verdura | 9950 5013 | Groceries/fruit and Veg delivery ONLY in Msida Circle area |
| Angela's Creation Hairdressing | 99403018 / 21311038 | Hairdressing products |
| Carmelo Caruana Fright Forwarding | 79042500 | Home delivery from any shop |
| Le Bureau | 79231707 / 21231707 | stationery & printing |
| Papier Stationery | 21312257 / 79319948 | Stationery, printing, arts and crafts supplies, games |
| Fifteen37 Café | 79403374/ 27403374 | Take Away / Delivery |
| Pasta and Co | 2707 2245 | Take Away / Delivery |
| Uncle's Matt Kitchen | 77665565 | Take Away / Delivery |
| Smina Poultry Products | 21466180 / 79791210 | Fresh Poultry Products |
| SKZ Detergent Van | 79791772 | Household detergents |



You Safe / Covid 19




Annimal Welfare



Xogħolijiet ta'rutina



*Xogħol f'Misraħ 5 ta'Ottubru u fil-funtana ta'Rue D'Argen*



*Tiżjin għall Milied u Dawl ġdid ħdejn il-Junior College*







Edukazzjoni




Sport u inizjattivi oħra



*Integrazzjoni*



*Kollaborazzjoni Fl-interess tal-lokalita*

**Konklużjoni.**

Wara din il-laqgħa pubblika dawn il-proposti għal-pjan ta' ħidma se jiġu mfassla aktar fid-dettal mill-Kunsilliera responsabbli fil-qasam tagħhom flimkien mal-amministrazzjoni u s-Sindku biex jiġu ppreżentati u evalwati mill-kumitat finanzjarju. Wara ssir rakkomandazzjoni lil Kunsill għall-diskussjoni u l-approvazzjoni tal-estimi finanzjarji 2021 u l-implimentazzjoni matul din il-leġislatura.

Iffirmata. Iffirmata.

Margaret Baldacchino Cefai — Alan Vella

Sindku — Segretarju Eżekuttiv